**QORTI TAL-MAGISTRATI (MALTA)**
**BHALA QORTI TA' GUDIKATURA KRIMINALI**

**MAGISTRAT DR. JOSEPH MIFSUD**
**B.A. (LEG. & INT. REL.), B.A. (HONS.), M.A. (EUROPEAN), LL.D.**

**Il-Pulizija**
**(Spettur Elton Taliana)**

**vs**

**Ingrid Kalviste**

**Kumpilazzjoni 163/2018**

**Illum 8 ta' Mejju, 2018**

Il-Qorti,

Rat l-imputazzjonijiet migjuba kontra l-imputata **Ingrid Kalviste** detentrici tal-passaport Estonjan bin-numru KE0055112 billi hija akkuzata talli nhar it-23 ta' Novembru 2017 u/jew fil-jiem ta' qabel din id-data minn gewwa Triq Kan. Karmenu Pirotta, Birkirkara, ikkommettiet serq ta' pittura liema serq jeccedi l-elfejn, tliet mija u disgha u ghoxrin Ewro u sebgha u tletlin centezmu (€2,329.37) ghad-dannu ta' Peter Vassallo u/jew Sptar Da Vinci, liema serq huwa aggravat bil-valur.

Rat li matul is-seduta tat-8 ta' Mejju 2018 l-Ufficjal Prosekutur ikkonferma l-imputazzjonijiet bil-gurament;

Illi matul l-ezami tal-imputata ai termini tal-Artikolu 392(1)(b) tal-Kodici Kriminali, l-imputata debitament assistita mill-Avukat Dottor Alfred Abela u minn interpretu stqarret li kienet inkondizzjonatament ħatja tal-imputazzjonijiet miġjuba kontriha;

Il-Qorti wissiet lill-imputata bl-aktar mod solenni rigward il-konsegwenzi tal-ammissjoni inkluż fis-sens illi għar-reati li ammettiet għalihom bħala regola dawn il-Qrati jimponu piena ta' priġunerija; wara li tagħtha żmien biżżejjed sabiex tiddeċiedi jekk hiex ser terġa lura minnha, u wara anke li kkonferixxiet mal-Avukat Difensur tramite s-servizzi tal-interpretu maħtura, l-imputata wiegbet li hija ħatja tal-imputazzjonijiet miġjuba kontriha;

Fic-cirkostanzi l-Qorti ma għandiex alternattiva oħra għajr ħlief li ssib lill-imputata ħatja tal-imputazzjonijiet miġjuba kontriha;

Il-Prosekuzzjoni ddikjarat li l-imputata hallset lura tal-pittura li serqet u dan fl-ammont ta' elfejn u hames mitt ewro (€2,500) lid-dirigenti ta' Da Vinci Hospital;

Semgħet lill-partijiet jittrattaw dwar il-piena fejn kien hemm qbil dwar il-parametri li l-Qorti ghandha timxi maghhom dwar il-piena;

Fliet id-dokumenti ezibiti u l-atti proċesswali, inkluz il-fedina penali tal-imputata li hi wahda netta.

**Decide**

Li wara li rat l-Artikoli 261(c), 267 u 279(b) tal-Kodici Kriminali ssib lil Ingrid Kalviste, fuq l-ammissjoni taghha stess ħatja tal- imputazzjonijiet migjuba kontriha.

Il-Qorti ħadet konsiderazzjoni tal- fatt li l-imputata kkoperat mal-Pulizija, il-kundizzjoni medika taghha, kif ukoll li hija hallset id-danni sofferti minn Da Vinci Hospital u ammettiet l-ħtija taghha fil-bidu nett ta' dawn il-proċeduri kif ukoll li l-fedina penali.

Ghalhekk, il-Qorti qed issib lill-imputata hatja tal-akkuzi dedotti fil-konfront taghha u tikkundanha ghall-perjodu ta' sentejn (2) prigunerija izda, billi l-Qorti hija tal-fehma li fic-cirkostanzi ta' dan il-kaz hemm lok li tinghata sentenza sospiza a tenur ta' l- Artikolu 28(A)(1) tal-Kap.9 tal-Ligijiet ta' Malta, tissospendi t-terminu ta' sentejn (2) prigunerija ghall-erba' (4) snin b'effett mid-data ta' din is-sentenza.

A tenur ta' l-Artikolu 28(A)(4) tal-Kap. 9 tal-Ligijiet ta' Malta l-Qorti spjegat lill-imputata bi kliem car ir-responsabbiltà taghha taht l-Artikolu 28B tal-Kap. 9 tal-Ligijiet ta' Malta jekk tikkommetti matul il-perijodu operattiv ta' din is-sentenza sospiza, reat li ghalih hemm piena ta' prigunerija.

Fl-aħħarnett il-Qorti tordna li l-atti kollha ta' dawn il-proceduri u kopja ta' din is-sentenza jintbagħtu lill-Avukat Generali fiz-zmien sitt ijiem tax-xogħol.

Dr. Joseph Mifsud

Magistrat